Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 593/2007**

tal-31 ta' Mejju 2007

dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008	L 350	46	30.12.2008
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 494/2012 tal-11 ta' Ġunju 2012	L 151	22	12.6.2012

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 593/2007

tal-31 ta’ Mejju 2007

dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni

(Test b’relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2002, dwar regoli komuni fil-kamp ta’ l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 53 (1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tat-Tmexxija ta’ l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 488/2005 tal-21 ta’ Marzu 2005 ([2]), stabbilixxa d-drittijiet u l-ħlasijiet li għandhom jiġu imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Aġenzija”).

(2) Id-dħul ta’ l-Aġenzija jikkonsisti f’kontribuzzjoni mill-Komunità u minn kull pajjiż terz Ewropew li jkun daħal biex jifforma parti mill-ftehim imsemmi fl-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2000, dwar id-drittijiet imħallsa minn applikanti għal ċertifikati u approvazzjonijiet maħruġin, u ħlasijiet għal pubblikazzjonijiet, it-trattament ta’ appelli, taħriġ u kull servizz ieħor mogħti mill-Aġenzija.

(3) Id-dħul u l-infiq ta’ l-Aġenzija għandhom jaqblu.

(4) Drittijiet u ħlasijiet imsemmija f’dan ir-Regolament għandhom jintalbu u jiġu imposti mill-Aġenzija biss u f' EUR. Huma għandhom ikunu stabbiliti b’mod trasparenti, ġust u uniformi.

(5) Id-drittijiet imposti mill-Aġenzija m’għandhomx jipperikolaw il-kompetittività ta’ l-industriji Ewropej ikkonċernati. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi li tikkunsidra kif xieraq il-kapaċità ta’ impriżi żgħar li jħallsu.

(6) Waqt li s-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili għandha tiġi l-ewwel u qabel kollox, l-Aġenzija għandha, madankollu, tqis sewwa l-effiċjenza fl-infiq meta tkun qed twettaq il-ħidmiet li jaqgħu taħtha.

([1]) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).

([2]) ĠU L 81, 30.3.2005, p. 7. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 779/2006 (ĠU L 137, 25.5.2006, p. 3).

▼B

(7) Il-post ġeografiku ta' l-impriżi fit-territorji ta' l-Istati Membri m'għandux ikun fattur diskriminatorju. Għaldaqstant, l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' ċertifikazzjoni magħmul f'isem dawn l-impriżi għandhom jinġabru u jinqasmu bejn l-applikanti.

(8) L-applikant għandu jkun informat, sa kemm huwa possibbli, bl-ammont previst li jkollu jħallas għas-servizz li jkun se jingħata u bil-mod li bih għandu jsir il-ħlas qabel ma jibda jingħata s-servizz. Il-kriterji biex jiġi stabbilit l-ammont li jkollu jitħallas għandhom ikunu ċari, uniformi u pubbliċi. Fejn huwa impossibbli li l-ammont ikun stabbilit minn qabel, l-applikant għandu jkun mgħarraf b'dan qabel ma jibda jingħata s-servizz. F'każ bħal dan għandu jkun hemm qbil, qabel ma jingħata s-servizz, fuq regoli ċari dwar kif għandu jkun stmat l-ammont li jkollu jitħallas waqt li jkun qed jingħata s-servizz.

(9) L-industrija għandha tgawdi minn viżibilità finanzjarja tajba u tkun tista' tantiċipa l-ispiża tad-drittijiet li jkun jeħtiġilha tħallas. Fl-istess waqt, jeħtieġ li jkun assigurat bilanċ bejn l-infiq ġenerali ta' l-Aġenzija meta din tagħmel xogħol ta' ċertifikazzjoni u d-dħul ġenerali mid-drittijiet li timponi. Għandu, għaldaqstant, ikun possibbli li l-livelli tad-drittijiet ikunu riveduti kull sena abbażi tar-riżultati u t-tbassir finanzjarju ta' l-Aġenzija.

(10) Partijiet interessati għandhom jiġu kkonsultati qabel kull tibdil fid-drittijiet. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tagħti regolarment lill-partijiet interessati t-tagħrif dwar kif u fuq liema bażi jiġu kkalkolati d-drittijiet. Dan it-tagħrif għandu jagħti lill-partijiet interessati idea ta' l-ispejjeż li tiltaqa' magħhom l-Aġenzija u l-produttività tagħha.

(11) It-tariffi stabbiliti b'dan ir-Regolament għandhom ikunu bbażati fuq it-tbassir ta' l-Aġenzija fuq l-ammont ta' xogħol tagħha u spejjeż relattivi.

(12) Dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut fi żmien ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ.

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 488/2005 għandu jkun revokat.

(14) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 54 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Dan ir-Regolament għandu japplika għad-drittijiet u l-ħlasijiet miġburin mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni, 'il quddiem "l-Aġenzija", biex jagħmlu tajjeb għas-servizzi li tipprovdi, inkluża l-provvista ta' oġġetti.

▼M2

Huwa jiddetermina, b'mod partikolari l-materji li għalihom huma dovuti drittijiet u ħlasijiet msemmija fl-Artikolu 64(4) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-ammont ta' dawk id-drittijiet u ħlasijiet u l-mod ta' kif għandhom jitħallsu.

▼B

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

▼M2

(a) "drittijiet" tfisser l-ammonti imposti mill-Aġenzija u li għandhom jitħallsu mill-applikanti għal xogħol ta' ċertifikazzjoni;

(b) "ħlasijiet" tfisser l-ammonti imposti mill-Aġenzija u li għandhom jitħallsu mill-applikanti għal servizzi, għajr ix-xogħol ta' ċertifikazzjoni, ipprovduti mill-Aġenzija, inkluża l-provvista ta' merkanzija;

(c) "xogħol ta' ċertifikazzjoni" tfisser l-attivitajiet kollha mwettqa mill-Aġenzija direttament jew indirettament għall-finijiet ta' ħruġ, żamma jew emendar taċ-ċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu;

(d) "applikant" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li titlob li tibbenefika minn xogħol ta' ċertifikazzjoni jew servizz ipprovdut mill-Aġenzija;

▼B

(e) "spejjeż ta' vjaġġar" tfisser spejjeż ta' trasport, spejjeż għal akkomodazzjoni u ikel, spejjeż inċidentali u *allowances* ta' vjaġġar imħallsin lil persunal għal xogħol ta' ċertifikazzjoni;

(f) "spiża reali" tfisser in-nefqa attwali ta' l-Aġenzija.

KAPITOLU II

DRITTIJIET

Artikolu 3

1. Il-drittijiet għandhom jassiguraw dħul totali li jkun biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha li jsiru għal xogħol ta' ċertifikazzjoni, inklużi spejjeż ta' sorveljanza kontinwa.

2. L-Aġenzija għandha tiddistingwi minn fost id-dħul u l-infiq tagħha dawk li jkunu attribwibbli għal xogħol ta' ċertifikazzjoni. Għal dan l-iskop:

(a) id-drittijiet miġburin mill-Aġenzija għandhom jinżammu f'kont separat u għandhom ikunu s-suġġett ta' proċedura separata ta' kontabilità;

(b) l-Aġenzija għandha tagħmel kontijiet analitiċi tad-dħul u l-infiq tagħha.

3. Id-drittijiet għandhom ikunu s-suġġett ta' stima ġenerali provviżorja fil-bidu ta' kull sena finanzjarja. Din l-istima għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati finanzjarji preċedenti ta' l-Aġenzija, l-istima tagħha ta' nfiq u dħul u l-pjan tagħha ta' ħidma għal quddiem.

▼B

Jekk fi tmiem sena finanzjarja d-dħul ġenerali mid-drittijiet, li jikkostitwixxu dħul assenjat skond l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, ikun aktar mill-ispiża ġenerali għal xogħol ta' ċertifikazzjoni, iż-żejjed għandu jintuża biex jiffinanzja xogħol ta' ċertifikazzjoni skond ir-regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija.

Artikolu 4

Id-dritt li għandu jitħallas mill-applikant għal xogħol ta' ċertifikazzjoni partikulari għandu jikkonsisti:

(a) f'ammont wieħed varjabbli skond ix-xogħol involut li jirrifletti l-ispiża magħmula mill-Aġenzija biex twettaq dak ix-xogħol. L-ammonti differenti ta' dritt uniformi huma stabbiliti fit-Taqsimiet I u III ta' l-Anness; jew,

(b) ammont varjabbli proporzjonat mal-kwantità tax-xogħol involut, muri f'għadd ta' sigħat immultiplikati bid-dritt għal kull siegħa. Id-dritt għal kull siegħa għandu jirrifletti l-ispejjeż kollha li jirriżultaw minn xogħol ta' ċertifikazzjoni. Ix-xogħol ta' ċertifikazzjoni li jitħallas abbażi ta' kull siegħa, kif ukoll id-dritt applikabbli għal kull siegħa, huma speċifikati fit-Taqsima II ta' l-Anness.

▼M2

Mal-applikazzjoni ta' Regolamenti futuri, l-Aġenzija tista' timponi drittijiet skont it-Taqsima II tal-Anness għal xogħol ta' ċertifikazzjoni għajr dak imsemmi fit-Taqsima I tal-Anness.

Kwalunkwe tibdiliet fl-organizzazzjoni li huma rrappurtati lill-Aġenzija u jaffettwaw l-approvazzjoni tagħha jista' jkollhom l-effett ta' kkalkular mill-ġdid tad-dritt ta' sorveljanza dovut, li se jkun applikabbli miċ-ċiklu ta' drittijiet li jmiss.

▼B

Artikolu 5

1. L-ammonti stabbiliti fl-Anness għandhom jiġu ppubblikati fil-pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-Aġenzija.

2. Dawn l-ammonti għandhom jiġu indiċjati kull sena mar-rata ta' inflazzjoni stabbilita fit-Taqsima V ta' l-Anness.

3. L-Anness għandu jkun rivedut kull sena jekk dan ikun meħtieġ.

4. L-Aġenzija għandha tibgħat kull sena lill-Kummissjoni, lill-Bord tat-Tmexxija u lill-korp konsultattiv ta' partijiet interessati stabbilit skond l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, tagħrif dwar il-komponenti li jservu bħala bażi biex jiġi stabbilit il-livell tad-drittijiet. Dan it-tagħrif għandu jikkonsisti b'mod partikulari f'analiżi dettaljata ta' l-ispejjeż relattivi għas-snin ta' qabel u ta' dawk li jmiss. L-Aġenzija għandha wkoll tagħti lill-Kummissjoni, lill-Bord tat-Tmexxija u lill-korp konsultattiv ta' partijiet interessati, darbtejn fis-sena, it-tagħrif dwar il-prestazzjoni li tidher fit-Taqsima VI ta' l-Anness u bl-indikaturi ta' prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.

▼B

5. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament l-Aġenzija għandha, wara li tikkonsulta mal-korp konsultattiv ta' partijiet interessati, tadotta sett ta' indikaturi ta' prestazzjoni billi tqis partikularment it-tagħrif elenkat fit-Taqsima VI ta' l-Anness.

6. L-Aġenzija għandha tikkonsulta mal-korp konsultattiv ta' partijiet interessati qabel ma tagħti opinjoni dwar kull bidla fid-drittijiet. Waqt konsultazzjoni bħal din, l-Aġenzija għandha tfisser ir-raġunijiet għal kull proposta għal modifika fil-livell ta' drittijiet.

▼M1

Artikolu 6

Bla ħsara għall-Artikolu 4, fejn isir kompitu ta' ċertifikazzjoni, b'mod sħiħ jew parzjali, barra t-territorji tal-Istati Membri il-miżata fatturata lill-applikant għandha tinkludi l-ispejjeż korrispondenti tal-ivjaġġar li saru barra minn dawk it-territorji, skond il-formula:

$$d = f + v + h - e$$

fejn:

d = il-ħlasijiet dovuti

f = il-ħlasijiet li jikkorispondu għall-kompitu mwettaq, kif stipulat fl-Anness

v = l-ispejjeż tal-ivvjaġġar

h = il-ħin li ħadu l-esperti fil-meżżi tat-trasport, fatturat bi prezz fis-siegħa kif stipulat ġewwa l-Parti II

e = l-ispejjeż medji tal-ivjaġġar ġewwa t-territorji tal-Istati Membri li jinkludu l-ħin medju użat fil-meżżi tat-trasport ġewwa t-territorji tal-Istati Membri mmultiplikat bil-prezz fis-siegħa kif stipulat ġewwa l-Parti II.

▼B

Artikolu 7

Fuq talba ta' l-applikant u bil-kunsens tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija, xogħol ta' ċertifikazzjoni jista', f'każijiet eċċezzjonali, jsir kif se jingħad:

(a) billi għax-xogħol ikunu assenjati kategoriji ta' persunal li normalment l-Aġenzija ma kinitx tassenja skond il-proċeduri standard tagħha, u/jew

(b) billi jkunu assenjati dawk ir-riżorsi umani biex ix-xogħol isir aktar malajr milli skond il-proċeduri standard ta' l-Aġenzija.

F'każ bħal dan, għandha tiġi applikata żieda eċċezzjonali mad-dritt impost biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha ta' l-Aġenzija biex hija tissodisfa din it-talba speċjali.

▼M2

Artikolu 8

1. Id-dritt għandu jitħallas mill-applikant f'EUR. It-termini tal-ħlas għandhom ikunu disponibbli għall-applikanti fuq il-websajt tal-Aġenzija. L-applikant għandu jħallas id-dritt bis-sħiħ inklużi tariffi bankarji possibbli relatati mal-ħlas qabel il-ħruġ, iż-żamma jew l-emendar ta' ċertifikat, sakemm l-Aġenzija ma tiddeċidix mod ieħor wara konsiderazzjoni xierqa tar-riskji finanzjarji. Id-dritt għandu jitħallas fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha l-fattura hija nnotifikata lill-applikant mill-Aġenzija. L-applikazzjoni tista' tiġi kkanċellata jew iċ-ċertifikat jista' jiġi sospiż jew revokat jekk il-ħlas dovut għad-drittijiet ma jasalx sa tmiem l-iskadenza u wara li l-Aġenzija tkun bagħtet twissija formali.

2. L-Aġenzija tista' tiffattura d-dritt fi ħlas wieħed wara li tkun irċeviet l-applikazzjoni jew fil-bidu tal-perjodu annwali jew dak ta' sorvelljanza.

3. Għax-xogħol kollu ta' ċertifikazzjoni li jwassal għall-ħlas ta' drittijiet ikkalkulati għal kull siegħa, l-Aġenzija, fuq talba speċifika, tista' tipprovdi stima lill-applikant. L-istima għandha tkun emendata mill-Aġenzija jekk jidher li x-xogħol huwa iktar sempliċi jew li jista' jitwettaq aktar malajr milli kien imbassar inizjalment jew, bil-kontra, jekk inhu iktar kumpless u jieħu iktar żmien biex jitwettaq minn dak li l-Aġenzija setgħet raġonevolement tbassar.

4. Jekk, wara verifika tal-applikazzjoni, l-Aġenzija tiddeċiedi li ma taċċettax din l-applikazzjoni, kwalunkwe dritt li diġà tħallas jiġi ritornat lura lill-applikant, bl-eċċezzjoni tal-ammont li jkopri l-ispejjeż amministrattivi tat-trattament tal-applikazzjoni. Dak l-ammont għandu jkun ekwivalenti għad-doppju tad-dritt għal kull siegħa fit-Taqsima II tal-Anness. Fejn l-Aġenzija jkollha provi li l-kapaċità finanzjarja tal-applikant tkun f'riskju, hija tista' tirrifjuta applikazzjoni sakemm l-applikant jipprovdi garanzija bankarja jew depożitu garantit. L-Aġenzija tista' wkoll tirrifjuta applikazzjoni, jekk l-applikant ma jissodisfax l-obbligi tal-ħlas tiegħu li jirriżultaw mix-xogħol ta' ċertifikazzjoni jew servizzi mwettqa mill-Aġenzija, sakemm l-applikant iħallas l-ammonti pendenti dovuti għal dak ix-xogħol ta' ċertifikazzjoni jew servizzi provduti.

5. Jekk xi xogħol ta' ċertifikazzjoni jkollu jiġi interrott mill-Aġenzija minħabba li l-applikant ma għandux riżorsi biżżejjed jew minħabba li jonqos li jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli, jew għax l-applikant iddeċieda li jtemm l-applikazzjoni tiegħu jew li jipposponi l-proġett tiegħu, il-bilanċ ta' kwalunkwe ħlasijiet dovuti, ikkalkulati bi prezz fis-siegħa għall-perjodu ta' tnax-il xahar iżda li ma jaqbiżx id-dritt uniformi applikabbli, għandu jitħallas bis-sħiħ fil-mument li l-Aġenzija tieqaf taħdem, flimkien ma' kwalunkwe ammont ieħor dovut f'dak il-mument. L-għadd rilevanti ta' sigħat għandu jiġi fatturat bi dritt għal kull siegħa kif stipulat fit-Taqsima II tal-Anness. Meta, fuq talba tal-applikant, l-Aġenzija terġa' tibda xogħol ta' ċertifikazzjoni li kien ġie interrott qabel, il-ħlas ta' dan ix-xogħol għandu jkun daqslikieku kien proġett ġdid.

6. Jekk id-detentur taċ-ċertifikat iċedi ċ-ċertifikat korrispondenti jew jekk l-Aġenzija tirrevoka ċ-ċertifikat, il-bilanċ ta' kwalunkwe dritt dovut, ikkalkulat kull siegħa iżda li ma jaqbiżx id-dritt uniformi applikabbli, għandu jitħallas fil-mument li sseħħ il-konċessjoni jew ir-revoka, flimkien ma' kwalunkwe ammonti oħrajn dovuti sa dak il-mument. L-għadd rilevanti ta' sigħat għandu jiġi fatturat bi dritt għal kull siegħa kif stipulat fit-Taqsima II tal-Anness.

▼M2

7. Jekk l-Aġenzija tissospendi ċertifikat minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dritt annwali jew dritt ta' sorveljanza jew għaliex l-applikant jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli, għandhom ikomplu l-perjodi rispettivi tad-drittijiet.

▼B

Artikolu 9

Id-drittijiet għandhom jintalbu u jinġabru biss mill-Aġenzija.

Stati Membri m'għandhomx jiġbru drittijiet għal xogħol ta' ċertifikazzjoni, anki jekk huma jagħmlu dak ix-xogħol f'isem l-Aġenzija.

L-Aġenzija għandha tirrimborsa lill-Istati Membri għal xogħol ta' ċertifikazzjoni li jagħmlu f'isimha.

KAPITOLU III

ĦLASIJIET

Artikolu 10

1. Il-ħlasijiet għandhom jinġabru mill-Aġenzija għas-servizzi kollha, inkluża l-provvista ta' oġġetti, ħlief għal dawk imsemmija fl-Artikolu 3.

Iżda dawn li ġejjin għandhom ikunu mingħajr ħlas:

(a) it-trasmissjoni ta' dokumenti u tagħrif, f'kull għamla, skond ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(b) id-dokumenti disponibbli mingħajr ħlas mill-websajt ta' l-Aġenzija.

▼M2

_____

▼B

Artikolu 11

L-ammont ta' ħlasijiet miġbur mill-Aġenzija għandu jkun ugwali għan-nefqa attwali tas-servizz mogħti, inkluża l-ispiża biex is-servizz ikun disponibbli għall-applikant. Għal dak il-għan, iż-żmien li l-Aġenzija tieħu biex tagħti s-servizz għandu jitniżżel fil-fattura skond id-dritt għal kull siegħa, kif imsemmi fit-Taqsima II ta' l-Anness.

▼M2

Għandhom jiġu imposti ħlasijiet għall-ipproċessar ta' appell imressaq skont l-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). L-ammonti tal-ħlasijiet huma stipulati fit-Taqsima IV tal-Anness. Fejn l-appellant ikun persuna ġuridika, jeħtieġ li tipprovdi lill-Aġenzija ċertifikat iffirmat minn uffiċjal awtorizzat tal-organizzazzjoni kkonċernata li jispeċifika l-fatturat finanzjarju tal-appellant. Dan iċ-ċertifikat għandu jitressaq flimkien man-notifika tal-appell. Ħlasijiet ta' appelli għandhom jitħallsu fi żmien 60 jum kalendarju mid-data li fiha l-appell kien reġistrat fl-Aġenzija skont il-proċedura applikabbli stabbilita mill-Aġenzija. Fil-każ li l-ħlas ma jsirx qabel din l-iskadenza, il-Bord tal-appell għandu jiċħad l-appell. Jekk l-appell ikun konkluż favur l-appellant, il-ħlasijiet tal-appell imħallsa għandhom jiġu rimborsati mill-Aġenzija mingħajr dewmien.

_____

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

([2]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

▼M2

Tista' tiġi kkomunikata stima tal-ammont tal-ħlasijiet lill-applikant fuq talba speċifika qabel ma jiġi pprovdut is-servizz. L-istima għandha tkun emendata mill-Aġenzija jekk jidher li x-xogħol huwa iktar sempliċi jew li jista' jitwettaq aktar malajr milli kien imbassar inizjalment jew, bil-kontra, jekk inhu iktar kumpless u jieħu iktar żmien biex jitwettaq milli seta' raġonevolment jiġi imbassar mill-Aġenzija.

▼B

Artikolu 12

Il-ħlasijiet għandhom isiru mill-applikant, jew fil-każ ta' appell, mill-persuna naturali jew ġuridika li tkun ippreżentat l-appell.

Huma għandhom jitħallsu f'EUR.

L-applikant għandu jassigura li l-Aġenzija titħallas l-ammont sħiħ dovut. Drittijiet bankarji li jista' jkun hemm u li jkunu relattivi għall-ħlas għandhom jitħallsu mill-applikant.

Sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra bejn l-Aġenzija u l-applikant jew il-persuna naturali jew ġuridika appellanti, il-ħlasijiet għandhom jingħabru qabel ma jingħata s-servizz jew, skond il-każ, qabel ma tibda l-proċedura ta' l-appell.

▼M1

_____

▼B

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI

Artikolu 13

Ir-Regolament (KE) Nru 488/2005 huwa revokat.

Artikolu 14

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007. Huwa għandu japplika suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) Id-drittijiet li jidhru fit-tabelli 1 sa 5 tat-Taqsima I ta' dak l-Anness għandhom japplikaw għal kull ċertifikat maħruġ wara l-1 ta' Ġunju 2007.

(b) Id-drittijiet li jidhru fit-Tabella 6 tat-Taqsima I ta' l-Anness għandhom japplikaw għad-drittijiet annwali miġbura wara l-1 ta' Ġunju 2007.

(c) Għal applikanti li kienu mitlubin iħallsu d-dritt ta' sorveljanza msemmi fil-punt (vi) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 488/2005 qabel l-1 ta' Ġunju 2007, id-drittijiet li jidhru fit-Tabella 7 tat-Taqsima I ta' l-Anness għandhom japplikaw ma' l-ewwel ħlas akkont annwali dovut fl-aħħar tal-perjodu ta' tliet (3) snin imsemmi fil-punt (vi) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 488/2005.

▼B

(d) Għal applikanti li kienu mitlubin iħallsu d-drittijiet ta' sorveljanza msemmija fil-punti (viii), (x), (xiii) jew (xi) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 488/2005 qabel l-1 ta' Ġunju 2007, id-drittijiet ta' sorveljanza li jidhru fit-Tabelli 8, 9 u 10 tat-Taqsima I, u fil-paragrafu 2 tat-Taqsima III, ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament, rispettivament, għandhom japplikaw ma' l-ewwel ħlas akkont annwali dovut fl-aħħar tat-tmiem tal-perjodi ta' sentejn (2) imsemmijin fil-punti (viii), (x) u (xiii) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 488/2005.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 13, ir-Regolament (KE) Nru 488/2005 għandu jibqa' japplika għal kull dritt u ħlas li jmorru lil hinn mill-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skond il-paragrafu 1.

▼M1

_____

▼M2

3. L-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut perjodikament biex jiġi żgurat li l-informazzjoni sinifikanti relatata għas-suppożizzjonijiet sottostanti għad-dħul u n-nefqa antiċipata tal-Aġenzija hija riflessa debitament fl-ammonti tad-drittijiet jew ħlasijiet imposti mill-Aġenzija. Fejn meħtieġ, dan ir-Regolament u l-Anness tiegħu jistgħu jiġu riveduti sa mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul tiegħu fis-seħħ.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Kontenut

Taqsima I: Xogħol bi ħlas ta' dritt uniformi

Taqsima II: Xogħol bi ħlas bis-siegħa

Taqsima III: Drittijiet għal xogħol ieħor ta' ċertifikazzjoni

Taqsima IV: Ħlasijiet għal appelli

Taqsima V: Rata annwali ta' inflazzjoni

Taqsima VI: Tagħrif dwar prestazzjoni

Nota ta' spjegazzjoni

(1) Drittijiet u ħlasijiet huma denominati f'ewro.

(2) Drittijiet relattivi għal prodotti msemmija fit-Tabelli 1 sa 4 tat-Taqsima I huma imposti għal kull operazzjoni u għal kull peijodu ta' 12-il xahar. Wara l-ewwel peijodu ta' 12-il xahar, jekk ikun il-każ, dawn id-drittijiet jiġu determinati *pro rata temporis* (parti waħda (1) minn kull 365 parti tad-dritt annwali rilevanti kull jum wara l-ewwel peijodu ta' 12-il xahar). Id-drittijiet imsemmijin fit-Tabella 5 huma imposti għal kull operazzjoni. Id-drittijiet imsemmijin fit-Tabella 6 huma imposti għal kull peijodu ta' 12-il xahar.

(3) Dwar drittijiet relattivi għal organizzazzjonijiet imsemmijin fit-Tabelli 7 sa 10 tat-Taqsima I, drittijiet ta' approvazzjoni huma imposti darba u drittijiet ta' sorveljanza huma imposti kull 12-il xahar.

(4) Xogħol bi ħlas bis-siegħa kif imsemmi fit-Taqsima II jintlaqat mid-dritt applikabbli għal kull siegħa, kif speċifikat f'din it-Taqsima, immultiplikat bin-numru attwali ta' sigħat ta' xogħol li tkun għamlet l-Aġenzija, jew bl-għadd ta' sigħat stabbilit f'din it-Taqsima.

(5) Speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni (CS) imsemmijin f'dan l-Anness huma dawk adottati skond l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u ppubblikati fil-pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-Aġenzija skond id-Deċiżjoni ta' l-EASA 2003/8 tat-30 ta' Ottubru 2003 (www.easa.europa.eu).

(6) "Ajruplani kbar bi ġwienaħ li jduru" (*Large rotorcraft*) tirreferi għal "CS 29" u "CS 27 cat A"; "Ajruplani żgħar bi ġwienaħ li jduru" (*Small rotorcraft*) tirreferi għal "CS 27 b"Piż Massimu mat-Tluq (MTOW) taħt it-3 175 Kg u limitat għal 4 sedili, li jinkludu dak tal-pilota, u għal "CS VLR"; "Ajruplani medji bi ġwienaħ li jduru (*Medium rotorcraft*)" tirreferi għal "CS 27" ohra.

▼M1

(7) "Id-derivattiv" tfisser Ċertifikat tat-Tip emendat kif defenit u kif applikat għalih mid-Detentur taċ-Ċertifikat tat-Tip.

▼B

(8) Fit-Tabelli 1, 2 u 6 tat-Taqsima I, il-valuri tal-"partijiet" jirreferu għall-prezzijiet rilevanti fil-lista tal-manifattur.

▼M1

(9) Fit-Tabelli 3 u 4 ta' Parti I, “Sempliċi”, “Standard” u “Kumpless” jirreferu għal li ġej:

	Sempliċi	Standard	Kumplessi
Ċertifikat tal-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (EASA) tat-tip supplimentari (STC) EASA il-bidliet prinċipali fid-disinn EASA tiswijiet prinċipali	STC, il-bidla prinċipali fid-disinn, u fit-tiswija,, li tinvolvi biss metodi ta' ġustifikazzjoni kurrenti u li diġa ġew ippruvati b'mod tajjeb, li għalihom hemm ġabra sħiħa ta' dejta (deskrizzjoni, lista ta' verifika ta' konformità u dokumenti ta' konformità) li tkun tista' tiġi kkomunikata fil-ħin tal-applikazzjoni, u li għaliha l-applikant ikun wera esperjenza, u li tkun tista' tiġi evalwata biss mill-maniġer taċ-ċertifikazzjoni tal-proġett, jew bil-parteċipazzjoni limitata ta' speċjalista fid-dixxiplina.	Kull bidliet prinċipali oħra, fid-disinn jew tiswijiet tal-STC.	Sinifikanti (*) STC jew bidla prinċipali fid-disinn
STC ivvalidat bi ftehim bilaterali	Bażiku (**)	Mhux bażiku (**)	STC mhux bażiku (**) meta l-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni (**) tkun immarkat il-bidla bħala “sinifikanti” (*)
Bidla ta' disinn prinċipali ivvalidat bi ftehim bilaterali	Level 2 (**) Bidliet prinċipali fid-disinn meta ma jiġux aċċettati awtomatikament (***).	Level 1 (**)	Level 1 (**) bidla prinċipali fid-disinn meta l-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni (**) tkun immarkat il-bidla bħala “sinifikanti” (*)
Tiswija prinċipali ivvalidata bi ftehim bilaterali	M/A (aċċettazzjoni awtomatika	Tiswijiet ta' komponenti kritiċi (**)	M/A

(*) “Sinifikanti” hi defenita f'paragrafu 21A.101 (b) fl-Anness ta' Regolament (KE) Nru 1702/2003.
(**) Għad-definizzjoni ta' “bażiku”, “mhux bażiku”, “livell 1”, “livell 2”, “komponenti kritiċi” u “L-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni”, ara l-ftehim bilaterali applikabbli li fih isseħħ il-validazzjoni.
(***) Kriterja t'aċċettazzjoni awtomatika mill EASA għal 2 bidliet prinċipali mfissra fid-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv 2004/04/CF, jew fil-ftehim bilaterali applikabbli li fih isseħħ il-valudazzjoni.

▼B

(10) Fit-Tabella 7 tat-Taqsima I, Organizzazzjonijiet tad-Disinn huma kkategorizzati kif ġej:

L-Iskop tal-Ftehim dwar l-Organizzazzjoni tad-Disinn	Grupp A	Grupp B	Grupp Ċ
DOA 1 Detenturi ta’ ċertifikati tat-tip	Kumplessi ħafna / Kbar	Kumplessi / Żgħar-Medji	Inqas kumplessi / Żgħar ħafna

▼B

L-Iskop tal-Ftehim dwar l-Organizzazzjoni tad-Disinn	Grupp A	Grupp B	Grupp Ċ
DOA 2 STC / Bidliet / Tiswijiet	Mingħajr restrizzjoni	Ristretti (oqsma tekniċi)	Ristretti (daqs ta' l-inġenji ta' l-ajru)
DOA 3 Bidliet żgħar / Tiswijiet			

(11) Fit-Tabella 8 tat-Taqsima I, il-fatturat li jkun tqies huwa l-fatturat relattiv għal attivitajiet skond l-iskop tal-ftehim.

(12) Fit-Tabelli 7, 9 u 10 tat-Taqsima I, l-għadd tal-persunal li jkun tqies huwa l-għadd tal-persunal relattiv għal attivitajiet skond l-iskop tal-ftehim.

TAQSIMA I

Xogħol bi ħlas ta' dritt uniformi

▼M1

Tabella 1: Iċ—Ċertifikati tat-Tip u ċ-Ċertifikati tat-Tip Ristretti (li hemm referenza għalihom fis-sottoparti B u sottoparti O tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 ([1]))

(EUR)

	Miżata fissa
Ajruplani bi ġwienaħ fissi.	
Aktar minn 150 000 kg	2 600 000
Aktar minn 50 000 kg sa 150 000 kg	1 330 000
Aktar minn 22 000 kg sa 50 000 kg	1 060 000
Aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg	410 000
Aktar minn 2 000 kg sa 5 700 kg	227 000
sa 2 000 kg	12 000
Ajruplani Ħfief ħafna, Ajruplani tal-Elettriku bil-Qlugħ, Ajruplani bil-Qlugħ	6 000
Ajruplan bl-iskrajjen	
Kbar	525 000
Medji	265 000
Żgħar	20 000
Oħrajn	
Blalen tal-Ajru	6 000
Propulsjoni:	
Magni tat-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq. 25 KN jew qawwa massima għat-tluq aktar minn 2 000 kW	365 000

([1]) ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.

▼**M1**

(EUR)

	Miżata fissa
Magni tat-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq li jkollhom sa 25 KN jew qawwa massima għat-tluq aktar minn 2 000 kW	185 000
Magni mingħajr turbina	30 000
Magni mingħajr turbina CS 22 H, CS VLR App. B	15 000
Skrun għall-użu fuq ajruplani itqal minn 5 700 kg MTOW	10 250
Skrun għall-użu fuq ajruplani sa 5 700 kg MTOW	2 925
Partijiet	
Valur aktar minn EUR 20 000	2 000
bejn 2 000 u EUR 20 000	1 000
Valur taħt EUR 2 000	500

Tabella 2: Derivattivi taċ-Ċertifikati tat-Tip jew Certifikati tat-Tip Ristrett

(EUR)

	Miżata fissa ([1])
Ajruplani bi ġwienaħ fissi.	
Aktar minn 150 000 kg	1 000 000
Aktar minn 50 000 kg sa 150 000 kg	500 000
Aktar minn 22 000 kg sa 50 000 kg	400 000
Aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg	160 000
Aktar minn 2 000 kg sa 5 700 kg	80 000
sa 2 000 kg	2 800
Ajruplani Ħfief ħafna, Ajruplani tal-Elettriku bil-Qlugħ, Ajruplani bil-Qlugħ	2 400
Ajruplan bl-iskrajjen	
Kbar	200 000
Medji	100 000
Żgħar	6 000
Oħrajn	
Blalen tal-Ajru	2 400
Propulsjoni:	
Magni tat-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq. 25 KN jew qawwa massima għat-tluq aktar minn 2 000 kW	100 000
Magni tat-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq li jkollhom sa 25 KN jew qawwa massima għat-tluq aktar minn 2 000 kW	50 000

▼M1

(EUR)

	Miżata fissa (1)
Magni mingħajr turbina	10 000
Magni mingħajr turbina CS 22 H, CS VLR App. B	5 000
Skrun għall-użu fuq ajruplani itqal minn 5 700 kg MTOW	2 500
Skrun għall-użu fuq ajruplani sa 5 700 kg MTOW	770
Partijiet	
Valur aktar minn EUR 20 000	1 000
bejn EUR 2 000 u EUR 20 000	600
Valur taħt EUR 2 000	350

(1) Għad-Derivattivi li jinvolvu Bidla/Bidliet Sostanzjali fit-Tip ta' Disinn, kif iddefinit fis-Subparti B tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003, il-ħlas taċ-Ċertifikat tat Tip rispettiv jew iċ-Ċertifikat tat-Tip Ristrett, kif ddefinit fit-Tabella 1, se japplika.

Tabella 3: Iċ-Ċertifikati tat-Tip Supplimentali (irreferuti għalihom fis-subparti E tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)

(EUR)

	Miżata fissa (1)		
	Kumplessi	Standard	Sempliċi
Ajruplani bi ġwienaħ fissi.			
Aktar minn 150 000 kg	25 000	6 000	3 000
Aktar minn 50 000 kg sa 150 000 kg	13 000	5 000	2 500
Aktar minn 22 000 kg sa 50 000 kg	8 500	3 750	1 875
Aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg	5 500	2 500	1 250
Aktar minn 2 000 kg sa 5 700 kg	3 800	1 750	875
sa 2 000 kg	1 600	1 000	500
Ajruplani Ħfief ħafna, Ajruplani tal-Elettriku bil-Qlugħ, Ajruplani bil-Qlugħ	250	250	250
Ajruplan bl-iskrajjen			
Kbar	11 000	4 000	2 000
Medji	5 000	2 000	1 000
Żgħar	900	400	250
Oħrajn			
Blalen tal-Ajru	800	400	250
Propulsjoni:			
Magni tat-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq. 25 KN jew qawwa massima għat-tluq aktar minn 2 000 kW	12 000	5 000	2 500
Magni tat-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq li jkollhom sa 25 KN jew qawwa massima għat-tluq aktar minn 2 000 kW	5 800	2 500	1 250

▼M1

(EUR)

	Miżata fissa (1)		
	Kumplessi	Standard	Sempliċi
Magni mingħajr turbina	2 800	1 250	625
Magni mingħajr turbina CS 22 H, CS VLR App. B	1 400	625	300
Skrun għall-użu fuq ajruplani itqal minn 5 700 kg MTOW	2 000	1 000	500
Skrun għall-użu fuq ajruplani sa 5 700 kg MTOW	1 500	750	375

(1) Għaċ-Ċertifikati tat-Tip Supplimentali li jinvolvu Bidla/Bidliet Sostanzjali, kif iddefinit fis-Subparti B tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003, il-ħlas taċ-Ċertifikat tat Tip rispettiv jew iċ-Ċertifikat tat-Tip Ristrett, kif ddefinit fit-Tabella 1, se japplika.

Tabella 4: Il-bidliet prinċipali u t-tiswijiet prinċipali (li għalihom saret referenza fis-subparti D u M tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)

(EUR)

	Miżata fissa (1) (2)		
	Kumplessi	Standard	Sempliċi
Ajruplani bi ġwienaħ fissi.			
Aktar minn 150 000 kg	20 000	6 000	3 000
Aktar minn 50 000 kg sa 150 000 kg	9 000	4 000	2 000
Aktar minn 22 000 kg sa 50 000 kg	6 500	3 000	1 500
Aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg	4 500	2 000	1 000
Aktar minn 2 000 kg sa 5 700 kg	3 000	1 400	700
sa 2 000 kg	1 100	500	250
Ajruplani Ħfief ħafna, Ajruplani tal-Elettriku bil-Qlugħ, Ajruplani bil-Qlugħ	250	250	250
Ajruplan bl-iskrajjen			
Kbar	10 000	4 000	2 000
Medji	4 500	2 000	1 000
Żgħar	850	400	250
Oħrajn			
Blalen tal-Ajru	850	400	250
Propulsjoni:			
Magni tat-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq. 25 KN jew qawwa massima għat-tluq aktar minn 2 000 kW	5 000	2 000	1 000
Magni tat-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq li jkollhom sa 25 KN jew qawwa massima għat-tluq aktar minn 2 000 kW	2 500	1 000	500
Magni mingħajr turbina	1 300	600	300
Magni mingħajr turbina CS 22 H, CS VLR App. B	600	300	250

▼**M1**

(EUR)

	Miżata fissa (1) (2)		
	Kumplessi	Standard	Sempliċi
Skrun għall-użu fuq ajruplani itqal minn 5 700 kg MTOW	250	250	250
Skrun għall-użu fuq ajruplani sa 5 700 kg MTOW	250	250	250

(1) Għal bidliet prinċipali sinifikanti li jinvolvu Bidla/Bidliet Sostanzjali, kif iddefinit fis-Subparti B tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003, il-ħlas rispettiv taċ-Ċertifikat tat Tip jew iċ-Ċertifikat tat-Tip Ristrett, kif ddefinit fit-Tabella 1, se japplika.
(2) Bidliet u tiswiiet fuq Unita ta' Qawwa Awżiljarju (APU) ser ikollhom jitħallsu bħall-bidliet u t-tiswijiet fuq magni ta'l-istess qawwa.

Tabella 5: Il-bidliet minuri u t-tiswijiet minuri (li għalihom saret referenza fis-subparti D u M tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)

(EUR)

	Miżata fissa (1) (2)
Ajruplani bi ġwienaħ fissi.	
Aktar minn 150 000 kg	500
Aktar minn 50 000 kg sa 150 000 kg	500
Aktar minn 22 000 kg sa 50 000 kg	500
Aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg	500
Aktar minn 2 000 kg sao 5 700 kg	250
sa 2 000 kg	250
Ajruplani Ħfief ħafna, Ajruplani tal-Elettriku bil-Qlugħ, Ajruplani bil-Qlugħ	250
Ajruplan bl-iskrajjen	
Kbar	500
Medji	500
Żgħar	250
Oħrajn	
Blalen tal-Ajru	250
Propulsjoni:	
Magni bit-turbina	500
Magni mingħajr turbina	250
Skrun	250

(1) Il-ħlasijiet imfassla f'din it-Tabella mhux ser japplikaw għall-Bidliet u Tiswijiet imwettqa minn Organiżżazzjonijiet ta' Disinn skont il-Parti 21A.263(c)(2) tas-Subparti J tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.
(2) Bidliet u tiswijiet fuq Unitajiet ta' Qawwa Awżiljarji (APU) ser ikollhom jitħallsu bħall-bidliet u t-tiswijiet fuq magni tal-istess rati ta' qawwa.

▼**M1**

Tabella 6: Miżata annwali għad-detenturi ta' Ċertifikati tat-Tip u Ċertifikati ta' Tip Ristrett u Ċertifikati ta' Tip meqjusin aċċettabli taħt ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002

(EUR)

	Miżata fissa (1) (2) (3)	
	Id-Disinn tal-UE	Id-Disinn mhux tal-UE
Ajruplani bi ġwienaħ fissi.		
Aktar minn 150 000 kg	270 000	90 000
Aktar minn 50 000 kg sa 150 000 kg	150 000	50 000
Aktar minn 22 000 kg sa 50 000 kg	80 000	27 000
Aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg	17 000	5 700
Aktar minn 2 000 kg sa 5 700 kg	4 000	1 400
sa 2 000 kg	2 000	670
Ajruplani Ħfief ħafna, Ajruplani tal-Elettriku bil-Qlugħ, Ajruplani bil-Qlugħ	900	300
Ajruplan bl-iskrajjen		
Kbar	65 000	21 700
Medji	30 000	10 000
Żgħar	3 000	1 000
Oħrajn		
Blalen tal-Ajru	900	300
Propulsjoni:		
Magni bit-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq li jkollhom aktar minn 25 KN jew ħruġ ta' saħħa għat-tluq aktar minn 2 000 kW	40 000	13 000
Magni bit-turbini b'żieda fl-imbuttatura għat-tluq li jkollhom aktar minn 25 KN jew ħruġ ta' saħħa għat-tluq mhux aktar minn 2 000 kW	6 000	2 000
Magni mingħajr turbina	1 000	350
Magni mingħajr turbina CS 22 H, CS VLR App. B	500	250
Skrun għall-użu fuq ajruplani itqal minn 5 700 kg MTOW	750	250
Partijiet		
Valur aktar minn EUR 20 000	2 000	700
bejn EUR 2 000 u EUR 20 000	1 000	350

▼**M1**

(EUR)

	Miżata fissa (1) (2) (3)	
	Id-Disinn tal-UE	Id-Disinn mhux tal-UE
Valur taħt EUR 2 000	500	250

(1) Għall-verżjonijiet ta' ajruplani għall-ġarr ta' merkanzija li jkollhom iċ-ċertifikat tat-tip tagħhom, huwa applikat koeffiċjent ta' 0,85 għall-miżata għall-verżjoni ekwivalenti ta' ajruplani għall-passiġġieri.

(2) Għall-detenturi ta'Ċertifikati tat-Tip multipli u/jew Ċertifikati tat-Tip Ristrett, tiġi applikata miżata annwali għat-tieni Ċertifikat tat-Tip u dawk sussegwentament, jew Ċertifikati tat-Tip Ristrett, fl-istess kategorija ta' prodotti kif muri fit-tabella li ġejja:

Prodotti f'kategorija identika	Tnaqqis applikat għall-miżata fissa
L-1	0 %
It-2	10 %
It-3	20 %
Ir-4	30 %
Il-5	40 %
Is-6	50 %
Is-7	60 %
It-8	70 %
Id-9	80 %
L-10	90 %
Il-11 u prodotti sossegwenti	100 %

(3) L-ajruplan li bħalu hemm irreġistrat inqas minn 50 eżempju madwar id-dinja, attivitajiet ta' airworthiness kontinwi ser jiġu imposti fuq bażi ta' kull siegħa, bil-miżata ta' kull siegħa stipulata fil-Parti II tal-Anness, sal-livell tal-miżata tal-kategorija tal-prodott tal-ajruplan relevanti. Għall-prodotti, partijiet u apparat li ma humiex ajruplani, il-limitazzjoni tikkonċerna in-numru tal-ajruplan li fuqhu hu installat il-prodott, il-parti jew l-apparat fil-kwistjoni.

▼**B**

Tabella 7: L-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tad-Disinn (imsemmija fis-Sotto-Taqsima J ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)

(EUR)

	DOA 1A	DOA 1B DOA 2A	DOA 1C DOA 2B DOA 3A	DOA 2C DOA 3B	DOA 3C
	Dritt ta' approvazzjoni, f'ewro				
Relattiva għall-persunal taħt 10	11 250	9 000	6 750	4 500	3 600
10 sa 49	31 500	22 500	13 500	9 000	—
50 sa 399	90 000	67 500	45 000	36 000	—
400 sa 999	180 000	135 000	112 500	99 000	—

▼B

(EUR)

	DOA 1A	DOA 1B DOA 2A	DOA 1C DOA 2B DOA 3A	DOA 2C DOA 3B	DOA 3C
	Dritt ta' approvazzjoni, f'ewro				
1 000 sa 2 499	360 000	—	—	—	—
2 500 sa 5 000	540 000	—	—	—	—
Iktar minn 5 000	3 000 000	—	—	—	—
	Dritt ta' sorveljanza, f'ewro				
Relattiva għall-persunal taħt 10	5 625	4 500	3 375	2 250	1 800
10 sa 49	15 750	11 250	6 750	4 500	—
50 sa 399	45 000	33 750	22 500	18 000	—
400 sa 999	90 000	67 500	56 250	49 500	—
1 000 sa 2 499	180 000	—	—	—	—
2 500 sa 5 000	270 000	—	—	—	—
Iktar minn 5 000	1 500 000	—	—	—	—

Tabella 8: L-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni (imsemmija fis-Sotto-Taqsima G ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)

(EUR)

	Dritt ta' approvazzjoni, f'ewro	Dritt ta' sorveljanza, f'ewro
Fatturat taħt il-miljun ewro	9 000	6 500
Bejn 1 000 000 u 4 999 999	38 000	28 000
Bejn 5 000 000 u 9 999 999	58 000	43 000
Bejn 10 000 000 u 49 999 999	75 000	57 000
Bejn 50 000 000 u 99 999 999	270 000	200 000
Bejn 100 000 000 u 499 999 999	305 000	230 000
Bejn 500 000 000 u 999 999 999	630 000	475 000
Iktar minn 999 999 999	900 000	2 000 000

Tabella 9: L-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni (imsemmija fl-Anness I, Sotto-Taqsima F, u fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 **(*))**

(EUR)

	Dritt ta' approvazzjoni, f'ewro (1)	Dritt ta' sorveljanza, f'ewro (1)
Relattiva għall-persunal taħt 5	3 000	2 300
Bejn 5 u 9	5 000	4 000

▼B

(EUR)

	Dritt ta' approvazzjoni, f'ewro ([1])	Dritt ta' sorveljanza, f'ewro ([1])
Bejn 10 u 49	11 000	8 000
Bejn 50 u 99	22 000	16 000
Bejn 100 u 499	32 000	23 000
Bejn 500 u 999	43 000	32 000
Iktar minn 999	53 000	43 000

([1]) Id-dritt li għandu jitħallas għandu jkun magħmul minn dritt uniformi abbażi ta' l-għadd tal-persunal flimkien ma' dritt uniformi abbażi tal-klassifikazzjoni teknika.

(EUR)

Klassifikazzjoni teknika	Dritt uniformi abbażi tal-klassifikazzjoni teknika, f'ewro ([1])
A 1	11 000
A 2	2 500
A 3	5 000
A 4	500
B 1	5 000
B 2	2 500
B 3	500
C	500

([1]) Għal organizzazzjonijiet li jkollhom diversi klassifikazzjonijiet A u/jew B, għandu jitħallas biss l-ogħla dritt. Għal organizzazzjonijiet bi klassifikazzjoni Ċ u/jew D waħda jew aktar, kull klassifikazzjoni għandha tkun bi ħlas tad-dritt relattiv għall-"klassifikazzjoni Ċ".

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003, dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħolpersunal (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 376/2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18).

Tabella 10: L-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni għat-Taħriġ fil-Manutenzjoni (imsemmija fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003)

(EUR)

	Dritt ta' approvazzjoni, f'ewro	Dritt ta' sorveljanza, f'ewro
Relattiva għalt-persunal taħt 5	4 000	3 000
Bejn 5 u 9	7 000	5 000
Bejn 10 u 49	16 000	14 000
Bejn 50 u 99	35 000	30 000
Iktar minn 99	42 000	40 000

▼B

TAQSIMA II

Xogħol bi ħlas abbażi ta' kull siegħa

1. Dritt għal kull siegħa:

Dritt applikabbli bis-siegħa	225 EUR

▼M2

2. Bażi ta' siegħa skont ix-xogħol ikkonċernat ([1]):

Dimostrazzjoni tal-kapaċità tad-disinn permezz ta' proċeduri alternattivi	Għadd attwali ta' sigħat
Produzzjoni mingħajr approvazzjoni	Għadd attwali ta' sigħat
Metodi Alternattivi ta' Konformità ma' kull AD	Għadd attwali ta' sigħat
Sostenn ta' validazzjoni (aċċettazzjoni ta' ċertifikati tal-EASA minn awtoritajiet barranin)	Għadd attwali ta' sigħat
Assisstenza teknika mitluba mill-awtoritajiet barranin	Għadd attwali ta' sigħat
Aċċettazzjoni mill-EASA tar-rapporti mill-Bord ta' Analiżi tal-Manutenzjoni	Għadd attwali ta' sigħat
Trasferiment taċ-ċertifikati	Għadd attwali ta' sigħat
Ċertifikat ta' Organizzazzjoni Approvata tat-Taħriġ	Għadd attwali ta' sigħat
Ċertifikat ta' Ċentru Ajrumediku	Għadd attwali tas-sigħat
Ċertifikat ta' Organizzazzjoni ATM-ANS	Għadd attwali tas-sigħat
Ċertifikat ta' Organizzazzjoni tat-Taħriġ tal-Kontrolluri tat-traffiku tal-Ajru	Għadd attwali tas-sigħat
Dejta Operattiva relatata maċ-Ċertifikat tat-Tip, tibdiliet għaċ-Ċertifikat tat-Tip u ċ-Ċertifikat tat-Tip Supplimentari ([1])	Għadd attwali tas-sigħat
Ċertifikat ta' Kwalifika għal Apparat ta' Taħriġ għas-Simulazzjoni tat-Titjir	Għadd attwali tas-sigħat
L-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' titjir għall-Permess ta' titjir	3 sigħat
Ħruġ amministrattiv mill-ġdid ta' dokumenti	siegħa
Ċertifikat ta' esportazzjoni ta' kondizzjoni tajba kontinwa għat-titjir (E-CoA) għal inġenju tal-arju CS 25	6 sigħat
Ċertifikat ta' esportazzjoni ta' kondizzjoni tajba kontinwa għat-titjir (E-CoA) għal inġenji tal-arju oħrajn	sagħtejn

([1]) Ara l-Artikoli 5 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 u l-modifiki tiegħu.

([1]) Din hija lista mhux eżawrjenti tax-xogħol. Xogħol li ma jiġix inkluż f'din it-Taqsima ma għandux jiġi awtomatikament interpretat bħala li jindika li dak ix-xogħol ma jistax jitwettaq mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni.

▼B

TAQSIMA III

Drittijiet għal xogħol ieħor relattiv għaċ-ċertifikazzjoni

1. L-aċċettazzjoni ta' approvazzjonijiet ekwivalenti għal approvazzjonijiet tat-"taqsima 145" u tat-"taqsima 147" skond il-ftehim bilaterali applikabbli:

Approvazzjonijiet ġodda, għal kull applikazzjoni	1 500 EUR
Tiġdid ta' approvazzjonijiet eżistenti, għal kull perjodu ta' 12-il xahar	750 EUR

2. L-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-maniġment tal-kondizzjoni tajba kontinwa għat-titjir (imsemmija fit-taqsima M, is-sotto-taqsima Ġ ta' l-anness I tar-regolament (ke) nru 2042/2003):

Approvazzjonijiet ġodda, għal kull applikazzjoni	24 000 EUR
Tiġdid ta' approvazzjonijiet eżistenti, għal kull perjodu ta' 12-il xahar	18 000 EUR

3. Reviżjonijiet u/jew emendi awtonomi għall-manwal ta' titjir ta' inġenji ta' l-ajru:

   Bi ħlas daqs ta' bidla fil-prodott korrispondenti.

▼M2

TAQSIMA IV

Ħlasijiet għal appelli

L-applikazzjonijiet kollha għal appell jattiraw il-ħlas fiss muri fit-tabella, immultiplikat bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija ta' ħlas korrispondenti għall-persuna jew l-organizzazzjoni inkwistjoni.

L-appell għandu jitqies li jkun ammissibbli biss meta jitħallas il-ħlas għal appell.

Ħlas fiss	EUR 10 000

Kategorija ta' ħlasijiet għal persuni naturali	Koeffiċjent ta' ħlas fiss
	0,1

Kategorija ta' ħlasijiet għall-organizzazzjonijiet, skont il-fatturat finanzjarju tal-appellant f'euro	Koeffiċjent ta' ħlas fiss
inqas minn 100 001	0,25
bejn 100 001 u 1 200 000	0,5
bejn 1 200 001 u 2 500 000	0,75
bejn 2 500 001 u 5 000 000	1
bejn 5 000 001 u 50 000 000	2,5

▼M2

Kategorija ta' ħlasijiet għall-organizzazzjonijiet, skont il-fatturat finanzjarju tal-appellant f'euro	Koeffiċjent ta' ħlas fiss
bejn 50 000 001 u 500 000 000	5
bejn 500 000 001 u 1 000 000 000	7,5
'il fuq minn 1 000 000 000	10

▼B

TAQSIMA V

Rata annwali ta' inflazzjoni

L-ammonti stabbiliti fit-Taqsimiet I, II u III għandhom jiġu indiċjati skond ir-rata ta' inflazzjoni stabbilita f'din it-Taqsima. Dan l-indiċjar għandu jsir kull sena fl-anniversarju tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Rata annwali ta' inflazzjoni li għandha tintuża:	EUROSTAT HICP (L-oġġetti kollha) – UE 27 (2005 = 100) Bidla perċentwali/medja ta' 12-il xahar
Il-valur tar-rata li għandha titqies:	Il-valur tar-rata fil-31 ta' Diċembru qabel l-implimentazzjoni ta' l-indiċjar

TAQSIMA VI

Tagħrif dwar il-prestazzjoni

It-tagħrif li ġej għandu jkun relatat ma' l-aħħar perjodu ta' 6 xhur qabel ma jinħarġu mill-Aġenzija skond l-Artikolu 5.

L-għadd ta' persunal ta' l-Aġenzija li jagħmel xogħol ta' ċertifikazzjoni
L-għadd ta' sigħat ta' xogħol mogħti biex jinħadem mill-Amministrazzjonijiet Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni (NAAs)
L-ispiża totali taċ-ċertifikazzjoni
L-għadd ta' ħidmiet ta' ċertifikazzjoni magħmulin (kollha jew mibdijin) mill-Aġenzija
L-għadd ta' ħidmiet ta' ċertifikazzjoni magħmulin (kollha jew mibdijin) f'isem l-Aġenzija
L-għadd ta' sigħat li l-persunal ta' l-Aġenzija ħadem f'attivitajiet għall-kondizzjoni tajba kontinwa għat-titjir
L-ammont totali tal-fattura mibgħuta lill-industrija